**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 13 t'Ottubru 2016**

**Pulizija**

**Spettur Silvio Magro**

**Vs**

**Matthew Xuereb**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Matthew Xuereb, ta' 26 sena imwieled nhar is-26 ta' Gunju 1989 gewwa Pieta, iben Tarcisio Xuereb u Victoria Fenech, jabita' 97, Kristallina, Triq it-Trancetta. Mosta. ID: 296989M;

Talli nhar it-3 ta' Gunju 2016 ghall-habta ta' 14:14hrs fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta:

1) Ikkommetta serq ta' propjeta' (mobile phone) ghad-dannu ta' Joseph Scott McColl liema serq hu kkwalifikat bil-valur t'aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro w erbgha w disghin centezmu (€232.94) u anqas minn elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-13 t'Ottubru 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 268(d), 279(a) u 340(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal hames mitt euro (€500) multa.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**